A.L. 33 ta' l-1990

ATT DWAR L-INDUSTRIJA TAL-ĦUT (KAP. 138)

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Dgħajjes tas-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Industrija tal-Ħut, bl-artikolu 305 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, bl-artikolu 28 ta' l-Att Nru. IX ta' l-1989 u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Prim Ministru w il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamlu r-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Dgħajjes tas-Sajd, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1988 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Dgħajjes tas-Sajd, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 90 ta' l-1988.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(2) Dgħajjes tas-sajd li s-sidien tagħhom ikunu sajjieda *whole-time* għandhom ikunu mmarkati bl-ittra "F".

(3) Dgħajjes tas-sajd li s-sidien tagħhom ikunu sajjieda *part-time* li jew ibiegħu il-ħut tagħhom permezz tal-Pixkerija, jew li joqogħdu Għawdex, għandhom ikunu mmarkati bl-ittri "MF".

(4) Dgħajjes tas-sajd li s-sidien tagħhom ikunu sajjieda *part-time* li joqogħdu Malta u li ma jbiegħux il-ħut tagħhom permezz tal-Pixkerija, għandhom ikunu mmarkati bl-ittri "PTF".

(5) L-ittri "F", "MF" u "PTF" għandhom ikunu dejjem segwiti bin-numri ta' reġistrazzjoni rispettivi tad-dgħajjes, u kemm dawk l-ittri u n-numri għandu jkollhom id-daqs indikat fil-liċenza maħruġa mid-Direttur, u għandhom jintwerew fuq iż-żewġ naħat tal-pruwa.".

Jissostitwixxi r-regolamenti 5 u 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolamenti 5 u 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Tiġdid ta' liċenzi ta' dgħajjes tas-sajd markati "MF".

5. Il-liċenzi ta' dgħajjes reġistrati bħala dgħajjes tas-sajd markati "MF" jistgħu biss jiġġeddu jekk is-sid ta' kull sena ibiegħ permezz tal-Pixkerija ħut li l-valur tiegħu ikun skond dak hawn muri għar-rigward tat-tul metriku tad-dgħajsa tas-sajd tiegħu:

(a) taħt is-6 metri Lm100

(b) iktar minn 6 metri iżda inqas minn 9 metri Lm300

(ċ) iktar minn 9 metri iżda inqas minn 12-il metru Lm600

(d) iktar minn 12-il metru ..... Lm1,000.

Dritt ta' kull sena għal-liċenza.

6. Id-dritt ta' kull sena għal-liċenza għar-reġistrazzjoni ta' dgħajjes tas-sajd għand id-Direttur għandu jkun kif ġej —

Dgħajjes tas-sajd markati "F" ..... Lm5.00 fis-sena

Dgħajjes tas-sajd markati "MF" ..... Lm7.50 fis-sena

Dgħajjes tas-sajd markati "PTF" ..... Lm10.00 fis-sena.".